32005D0492

13.7.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 182/11

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Jannar 2005

dwar l-iffirmar ta' Ftehim

għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Egittu

(2005/492/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 170 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ma' l-Egittu.

(2) Soġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-Ftehim li ġie inizjalat fl-4 ta' Marzu 2004 għandu jiġi ffirmat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Ewlieni

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna li għandha s-setgħa li tiffirma, f'isem il-Komunità, il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, soġġett għall-konklużjoni possibbli tagħha fi stadju aktar tard.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 31 ta' Jannar 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ASSELBORN